# It-Tradizzjoni tal-Logħob tan-Nar

*Kitba t'Ivan Bugeja*

Il-biċċa l-kbira tal-poplu Malti, bir-raġun kollu jgħid li festa ċċelebrata fuq ir-riti tradizzjonali u kulturali Maltin għandha tkun mżejjna bil-logħob tan-nar. Flimkien mal-logħob tan-nar, l-elementi ewlenin tal-festa Maltija huma l-marċi u l-armar tat-toroq. Dawn flimkien maċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-knisja jiffurmaw il-bażi tal-festa Maltija li ħallewlna missirijietna.

Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann, f'Malta kienu jsiru esebizzjonijiet pirotekniċi. Dawn kienu jsiru matul il-festa li kienet tkun iċċelebrata ad unur Santa Barbara. Fil-fatt, il-logħob tan-nar kien oriġinarjament ġie introdott f'Malta snin twal ilu mill-kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann u ta' Malta. Ta' min jgħid li dawn l-imsejħa spettakli ma kienux elaborati u rfinuti bħal dawk li jsiru llum il-ġurnata fl-irħula u l-iibliet Maltin u Għawdxin.

F'dawk iż-żminijiet matul dawn il-festi, wieħed kien isib lil dawk imsejħa "moschettieri" biex jagħtu s-salut. Dawn kienu msejħa hekk għaliex kienu jużaw il-"moschetto" jew aħjar xkubetta b'kanna twila ħafna. Ir-ritwal kien isir billi l-moskettieri bl-arma ppuntata 'l fuq u kkargata b'tir "in-bjank" jiġifieri mingħajr munizzjon, mas-sinjal kienu jibdew jisparaw wieħed wara l-ieħor. Dawn kienu joħolqu l-effett tal-musketterija. Fil-fatt il-kelma musketterija oriġinat miż-żmien meta matul xi festa reliġjuża jew statali kienu jintużaw il-"moschettieri" sabiex jagħtu s-salut.

Il-logħob tan-nar x'aktarx li oriġina wara li fiċ-Ċina kien ġie vvintat l-porvli. Oriġinarjament, l-iskop tal-porvli kienu sabiex jintuża għal skopijiet militari, iżda mal-medda tas-snin dan beda jintuża ukoll waqt ċelebrazzjonijiet u festi popolari. Hawn min jgħid li l-logħob tan-nar kien ġie ntrodott fl-Ewropa minn Marco Polo wara l-espedizzjonijiet tiegħu fil-Lvant Imbiegħed. Dan probabbli seħħ bejn l-1255 u l-1322.

Iżda minn studji li saru, hawn ukoll min jgħid illi fi żmien il-perjodu Ruman diġa' kien isir xi forma ta' logħob tan-nar fil-festi ta' Ruma. Fil-fatt kelma li għadha tintuża u li hi relatata mal-logħob tan-nar ta' l-ajru hija "Candele Romane" jew Torci Rumani. Jista' jkun li din il-kelma oriġinat matul il-perjodu Ruman u jagħti l-każ li dawn il-famużi torci Rumani kienu diga' qed jintużaw f'dan l-imsemmi perjodu.

Iżda bla ebda dubju l-logħob tan-nar fl-Ewropa u wisq aktar fil-pajjiżi tal-Mediterran ħa spinta kbira 'l quddiem bis-saħħa tat-Taljani u l-Ispanjoli li sa minn dejjem kienu surmastrijiet f'dan il-qasam. Dawn kienu jorganizzaw festi kbar ad unur il-patruni qaddisin tagħhom. Waqt dawn il-festi kien jinħaraq ammont kbir ta' logħob tan-nar. Żewġ festi li ta' sikwit nisimgħu bihom u li matulhom jinħaraq logħob tan-nar spettaklori ħafna huma dawk ta' San Hose', ġewwa l-belt ta' Valencia fi Spanja u dik ta' San Agatha ġewwa Katanja fi Sqallija.

Il-Maltin min-naħa tagħhom ma baqgħux lura u mill-ewwel bdew jesperimentaw sew bil-logħob tan-nar, x'aktarx ukoll bl-għajnuna ta' xi esperti Sqallin, li kienu jgħixu Malta f'dawk iż-żminijiet. Imbagħad fis-sekli ta' wara, l-aktar mis-seklu tmintax 'il quddiem, il-logħob tan-nar sar ħaġa waħda mal-festi reliġjużi u tradizzjonali tagħna.

Oriġinarjament dawn l-esebizzjonijiet kienu jikkonsistu fl-isparar ta' maskli u ġiġġifogu. Il-maskli kienu jintużaw l-aktar waqt il-ħruġ tal-purċissjoni u anki waqt it-translazzjoni, filwaqt li l-ġiġġifogu kien jinħaraq lejlet il-festa. Il-maskri kienu saħansitra jintużaw ukoll fil-bidu tat-tieni gwerra dinjija, fejn f'xi rħula, kienu jiġu sparati sabiex juru li ġej attakk mill-ajru. Din l-użanza imbagħad spiċċat ma' l-introduzzjoni tas-sirena.

Illum il-ġurnata huwa diffiċli timmaġina festa Maltija mingħajr logħob tan-nar. Dan għaliex in-nar sar parti ntegrali u hu marbut sew mal-festi Maltin. Iżda ma tkunx komplet meta titkellem fuq il-logħob tan-nar u ma ssemmix il-perikli kbar relatati mal-manifattura u l-ħruq tiegħu. Dan aħna nafuh għax mhux l-ewwel darba li smajna b'xi diżgrazzja, fejn sfortunatament anki ġieli ntilfu l-ħajjiet ta' xi dilettanti.

Ix-xogħol tal-logħob tan-nar jinħtieġlu attenzjoni massima, għax kif jgħid il-Malti "In-nar jaħdmu l-bniedem, iżda jaħarqu x-xitan".